# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis hmistax (15) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 342/13 FDP**

**Gozo Express Services Limited**
**(C 39408)**

**vs**

**Charles Camilleri u Salvu Camilleri ghan-nom tad-ditta "Ta' Matti & Sons" u Justin Camilleri**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid-29 ta' Ottubru 2013 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' sebat elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u erbghin centezmu (€7,823.40) rappresentanti danni sofferti mis-socjeta rikorrenti rizultat ta' hsarat inkorsi fuq oggetti,ossija pontoons, li kienu qed jingarru mill-intimati, ghall-liema hsarat l-istess socjeta rikorrenti kellha taghmel tajjeb ma' min kien il-propretarju ta' dawna l-oggetti, ossija Manuel Island Yacht Yard.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ippresentata fil-25 ta' Novembru 2013 fejn laqghu ghal dak attribwit lilhom billi qalu illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Sahqu illi Charles Camilleri u Salvu Camilleri kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzji filwaqt illi Justin Camilleri qatt ma kien involut fi ftehim mas-socjeta Manoel Island Yacht Yard. Sahqu illi, la darba l-intimati kienu dejjem gharrfu lis-socjeta rikorrenti illi huma ma kienux responsabbli, l-istess socjeta rikorrenti qatt ma kellha tidhol ghall ftehim fuq il-hsarat mas-socjeta Manuel Island Yacht Yard u ghalhekk ebda hlas ma kellu jsir. Finalment, fil-meritu, sahqu illi l-intimati utilizzaw is-servizz ta' crane partikolari abbazi tal-piz indikat mis-socjeta rikorrenti u l-intimat Justin Camilleri, illi kien qieghed jopera l-crane, induna illi l-piz kien aktar milli suppost hekk kif gara l-incident illi wassal ghad-danni pretizi fil-kawza odjerna.

Rat l-affidavit ta' **Joseph Refalo**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, ippresentat fit 3 ta' Frar 2014, kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita.

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Refalo moghtija fis 17 ta' Marzu 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**Kaptan John Dalli**, moghtija fis 17 ta' Marzu 2014.

Rat l-affidavit ta' **Albert Galea** ippresentat fit 12 ta' Mejju 2014.

Rat l-affidavit ta' **David Mifsud** ippresentat fit 12 ta' Mejju 2014.

Rat illi fit 12 ta' Mejju 2014 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Charles Camilleri**, intimat fil-proceduri odjerni, moghtija in ezami u kontro ezami fl-20 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Justin Camilleri** moghtija in ezami u kontro ezami fl-20 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **David Mifsud**, General Manager tas-socjeta Manoel Island Yacht Yard, prodott mill-intimati fil 15 ta' Dicembru 2014 u fit 23 ta' Frar 2015.

Semghet il-kontro ezami ta' Joseph Refalo moghtija fit 23 ta' Frar 2015.

Rat illi fl-20 ta' April 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fil 11 ta' Gunju 2015.

Rat illi fit 13 ta' Lulju il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimati ippresentata fit 28 ta' Lulju 2015.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi s-socjeta rikorrenti tipprovdi servizz ta' garr tal-merkanzija minn Malta ghall barra u ghall Malta minn pajjizi esteri u, fil kaz odjern, kienet tqabbdet mis-socjeta Manoel Island Yacht Yard sabiex igorr numru ta' pontoons godda ta' erbghin pied illi l-istess socjeta Manoel Island Yacht Yard kienet xtrat minn Trapani, gewwa Sqallija u li riedet tinstalla gewwa Malta.

Jirrizulta illi wara illi ingarret l-ewwel konsenja ta' pontoons fuq trailer ta' l-erbghin pied, dawna twasslu gewwa Manoel Island sabiex jinhattu.

Jirrizulta illi ftit jiem qabel ma wasslu l-pontoons Malta, is-socjeta rikorrenti sabet id-dettalji ta' l-intimati minn fuq direttorju u cemplet lill Charles Camilleri sabiex tara jekk setax jipprovdi servizz ta' crane biex inizzel il-pontoons minn fuq it-trailer ghal ma' l-art biswit it-trailer.

Jirrizulta illi l-intimat Charles Camilleri gie infurmat illi l-pontoons jiznu bejn tunnelata u zewgt tunnelati u ghalhekk ftiehmu illi kien ser jibghat crane li jiflah ghall-piz relattiv.

Jirrizulta illi dakinhar illi wasslu l-pontoons, fit-18 ta' Mejju 2011, wasal ukoll fuq il-post Justin Camilleri, li jahdem ma' Charles Camilleri, u li kien qed ihaddem il-crane CBO-812 li intbghat fuq il-post minn Charles Camilleri biex jaghmel ix-xoghol mitlub mir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti Joseph Refalo.

Jirrizulta illi meta mar biex jibda jarma l-affarjiet, l-intimat Justin Camillieri ipprovda zewgt cineg sabiex iqabbad il-gnub tal-pontoon bil-ghan illi imbghad ikun jista jqabbad il-ganc tal-crane ma tali cineg u jgholli l-pontoon ‘l fuq mit-trailer u jnizzlu ma’ l-art.

Jirrizulta illi hekk kif rabat dawn iz-zewgt cineg, deher car illi dawna c-cineg kienu qosra u ghalhekk ma kienux jaslu flimkien biex jinqabdu t-tnejn li huma flimkien mill-ganc tal-crane. Kien ghalhekk illi Justin Camilleri, illi kien qieghed jopera l-crane, gab cinga qasira u ghaqqad iz-zewgt cineg flimkien b’tali cinga. Sussegwentement, huwa qabbad il-ganc tal-crane ma’ dina c-cinga qasira li kienet qed tghaqqad iz-zewgt cineg flimkien.

Jirrizulta illi Justin Camilleri beda l-manuvra u gholla l-pontoon ‘l fuq mit-trailer izda, kif il-pontoon inqata minn mat-trailer, il-crane intrefa ‘l quddiem bil-piz tal-pontoon u ic-cinga li kienet qieghda tghaqqad iz-zewgt cineg tqactet u spicca biex il-pontoon waqa’ ma’ l-art u, fil-process, laqat dghajsa illi kien hemm vicin – hadd ma weggha fl-incident, izda l-pontoon gralu hsarat konsidervoli kif ukoll id-dghajsa illi intlaqtet.

Jirrizulta illi Justin Camilleri sussegwentement twaqqaf milli jkompli jaghmel x-xoghol u ngieb crane akbar ta’ terzi persuni  sabiex jgorr il-pontoons illi kien ghad fadal, liema pontoons ingarrew minn fuq it-trailer ghal ma l-art minghajr ebda problemi.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta li, bhala rizultat ta’ dana l-incident, il-hsarat inkorsi mis-socjeta Manoel Island Yacht Yard ammontaw ghall-sebat elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro u erbghin centezmu (€7,823.40).

Jirrizulta wkoll illi dawna l-hsarat tnaqqsu, bi ftehim bejn il-partijiet, mis-socjeta Manoel Island Yacht Yard, mill-ammont ta’ sittax-il elf, mitejn u hamsa u ghoxrin (€16,225) illi l-istess socjeta Manoel Island Yacht Yard kellha thallas lis-socjeta rikorrenti ghall servizz minnha rez, u dana permezz ta’ ftehim milhuq bejn iz-zewgt socjetajiet fis 7 ta’ Mejju 2012.

Jirrizulta illi l-partijiet skambjaw diversi korrispondenza bejniethom, inkluz ittri ufficjali, izda ftehim bejn il-partijiet ma intlahaqx u ghalhekk saret il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi kif sahaq Charles Camilleri, u mhux ikkontestat, Salvu Camilleri, illi jigi missieru, ma ghandu ebda sehem mix-xoghol illi l-istess Charles Camilleri jaghmel bil-crane tieghu, filwaqt illi Justin Camilleri huwa impjegat ta’ Charles Camilleri.

Ghalhekk, ma hemmx dubju illi Salvu Camilleri ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti tosserva wkoll illi Charles Camilleri kien intalab sabiex jaghti servizz mis-socjeta rikorrenti, ghall liema servizz is-socjeta rikorrenti kellha kull dritt tippretendi li jsir skond is-sengha u l-arti u ma ssofrix ebda danni.

Jirrizulta bl-aktar mod car illi s-servizz moghti mill-intimat Charles Camilleri u Justin Camilleri, li kien qieghed jopera l-crane CBO-812, ma kienx skond is-sengha u l-arti u certament kien servizz negligenti u mhux professjonali, tant illi wassal sabiex il-pontoon li kien qed jingarr jaqa’ ma’ l-art u jsirlu hsara konsiderevoli.

Jirrizulta bl-aktar mod car illi l-ghodda adoperata mill-intimati Charles u Justin Camilleri ma kienetx idonea ghax-xoghol lilhom mitlub u kien jispetta ghall-intimati javzaw lis-socjeta rikorrenti illi ma setghetx tgholli dawk il-pontoons, stante illi huma s-sinjuri Camilleri li ghandhom jitqiesu bhala mghallma fix-xoghol tal-garr tal-merkanzija permezz ta' cranes, u mhux is-socjeta rikorrenti.

Il-fatt illi Justin Camilleri ma sab ebda oggezzjoni illi jgorr il-pontoon u li huwa ghazel illi jghaqqad gewa cineg b'cinga ohra li, minnha innifisha, certament aggravat is-sitwazzjoni tal-garr tal-pontoon, hija indikattiva illi r-responsabbilta' tal-garr tal-pontoons kienet unikament fuq l-operatur tal-crane Justin Camilleri u sid tal-crane, Charles Camilleri, u ghalhekk huma ghandhom jinzammu responsabbli ghad-danni sofferti.

Finalment, il-Qorti tirrileva illi s-socjeta rikorrenti kellha kull dritt illi tpaci d-danni sofferti mill-klijent taghha Manoel Island Yacht Yard, ma' somma akbar dovuta lilha, stante illi kien car li r-relazzjoni guridika tas-socjeta Manoel Islan Yacht Yard kienet unikament mas-socjeta rikorrenti flwaqt illi r-relazzjoni guridika relatata ma' l-incident kienet unikament bejn il-partijiet, u xejn aktar.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha imressqa quddiemha,

Wara illi rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tillibera** mill-osservanza tal-gudizzju lill Salvu Camilleri,

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha l-ohra ta' l-intimati Charles Camilleri u Justine Camillieri, u ghalhekk

**Tilqa** it-talbiet attrici u

**Tikkundanna** lill intimati Charles u Justin Camilleri, in solidum bejniethom, ihallsu s-somma ta' sebat elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u erbghin centezmu (€7,823.40), rappresentant danni sofferti mis-socjeta rikorrenti rizultat ta' incident waqt il-garr ta' pontoon da' parti ta' l-intimati Charles u Justin Camilleri.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mis 7 ta' Mejju 2012 sad-data tal-pagament effettiv, ikun a kariku ta' l-intimati Charles u Justin Camilleri in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja – Dep. Reg.**